# Reflect | Discuss | Act

Y STAND UP ?

KDZ.ORG.MT

# Iż-Żgħażagħ Dwar il-Faqar

Diċembru 2009

**Kontenut**


**Introduzzjoni**

***YStandup*? Forum għaż-żgħażagħ**
***Take the floor when it matters | Be the change | Standup against poverty***

A. **IL-PUNTI EWLENIN MIR-RIFLESSJONIJIET U D-DISKUSSJONIJIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

A1 X'NIFHMU B'FAQAR?
A1.1 Mhux biss Faqar Materjali
A1.2 Individwaliżmu u Relattività

A2 X'JIKKAWŻA L-FAQAR?
A2.1 Pressjonijiet tas-Soċjetà
A2.2 Azzjonijiet tas-Soċjetà
A2.3 L-Esklużjoni Soċjali

B. **KIF GĦANDNA NWIEĠBU GĦALL-FAQAR?**

B1 IR-RWOL TAL-ISTAT U ORGANI POLITIĊI
B1.1 Ġustizzja u Rispett Lejn il-Bniedem Sħiħ
B1.2 Familja
B1.3 Politika Ekonomika
B1.4 Edukazzjoni
B1.5 Media
B1.6 Għajnuna Soċjali u Abbużi
B1.7 Għaqdiet Mhux Governattivi

B2 L-IRWOL TAL-KNISJA
B2.1 Valuri Nsara
B2.2 Inklussività
B2.3 Vuċi lil Min m'Għandux Vuċi
B2.4 Għajnuna lil Min hu Fqir
B2.5 Empowerment taż-Żgħażagħ
B2.6 Ir-Rwol taż-Żgħażagħ

***YStandup*? Forum għaż-żgħażagħ**

***Take the floor when it matters | Be the change | Standup against poverty***

F'Malta hawn diversi forom ta' faqar, aktarx inviżibbli, kemm faqar materjali fejn persuni jew familji mhumiex f'qagħda li jmantnu lilhom infushom, kif ukoll forom oħrajn ta' faqar, ibda minn faqar spiritwali għal faqar intellettwali għal dak soċjali u l-bqija. Is-soċjetà Maltija għandha tkun iżjed konxja ta' dawn il-forom differenti ta' faqar u tieħu azzjoni konkreta biex tgħin lill-persuni f'sitwazzjonijiet ta' faqar. Ħadd mhu eskluż, la awtoritajiet ċivili u reliġjużi, la għaqdiet mhumiex governattivi u lanqas individwi, ta' kull età, inklużi ż-żgħażagħ.

Dan ħareġ minn konsultazzjoni miż-żgħażagħ u maż-żgħażagħ, imnedija fuq inizjattiva tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ), bħala parti mill-proġett *Y Standup?.*

**Y Standup?**

*Y Standup*? hi inizjattiva maħsuba sabiex tagħti spazju lill-vuċi żagħżugħa. Żgħażagħ qegħdin jiġu flimkien biex isarrfu r-riflessjonijiet u l-esperjenzi tagħhom bħala individwi fil-kollettiv, fl-għarfien li, permezz tal-preżenza kollettiva**,** qegħdin jagħtu saħħa lill-vuċi tagħhom. Dan il-proġett huwa wieħed ta' djalogu bejn iż-żgħażagħ u ma' dawk involuti fit-tfassil ta' *policies* dwar temi rilevanti għaż-żgħażagħ. Fid-diversi fażijiet ta' dan il-proċess, żgħażagħ li qegħdin jagħmlu mixja ta' fidi minn madwar Malta, il-maġġoranza tagħhom membri ta' għaqdiet u movimenti taż-żgħażagħ fi ħdan il-Knisja f'Malta, jiddiskutu bejniethom temi li jolqtu lis-soċjetà. B'dan il-mod, dawk li jipparteċipaw f'dan l-eżerċizzju għandhom l-opportunità li jagħmlu differenza fis-soċjetà.

Fl-ewwel nofs tal-2009, fi tweġiba għall-konsultazzjoni mnedija mill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tar-Rappreżentanti, sar djalogu wiesgha dwar iż-żwieġ u l-familja, li wassal biex jitfassal Memorandum miż-Żgħażagħ dwar dawn iż-żewġ temi relatati. F'din it-tieni esperjenza ta' djalogu strutturat, imtella' mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, inħasset il-ħtieġa

li, realta oħra għal-qalb taż-żgħażagħ, tingħata importanza; realtà li bosta qegħdin jgħixu, u li diversi żgħażagħ jippruvaw jikkumbattu b'ħidma volontarja f'Malta u barra minn Malta: il-faqar.

Y Standup? huwa mibni fuq tliet prinċipji bażiċi: **Riflessjoni, Diskussjoni, Azzjoni.** Permezz tar-riflessjonijiet li saru minn dawk iż-żgħażagħ li qegħdin jagħmlu mixja ta' fidi nisranija f'Malta u huma mpenjati fl-għaqdiet, l-movimenti u l-parroċċi beda, l-proċess *Y Standup*?. Ir-riflessjonijiet kienu mibnija fuq kwestjonarju mħejji mill-Kmmissjoni Djoċesana Żgħażagħ biex nifhmu aħjar x'jifhmu ż-żgħażagħ bil-faqar u dak kollu li fl-opinjoni taż-żgħażagħ jista' jsir biex tintgħeleb din il-pjaga. Eventwalment, l-istess mistoqsijiet iddiskutejniehom matul forum għaż-żgħażagħ flimkien ma' min għandu responsabbiltà fil-ħidma kontra l-faqar: persuni politiċi u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Dan il-Forum sar fiċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji Kontra l-Faqar. Il-konklużjonijiet iddiskutejniehom ukoll separatament mal-Arċisqof Pawlu Cremona OP, nhar il-Ħamis, 29 ta' Ottubru. Mid-diskussjoni, issa trid issir il-qabża għall-Azzjoni minna ż-żgħażagħ stess, fil-limiti tagħna, u wkoll minn dawk li għandhom ir-responsabbiltà fit-tfassil ta' *policies*.

*Y Standup* iwieġeb ukoll għas-sejħa li saret mis-Sinodu Djoċesan biex il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ "tkun vuċi taż-żgħażagħ fil-knisja u vuċi taż-żgħażagħ fis-soċjeta`" (Dokument tas-Sinodu "Adolexxenti u Żgħażagħ" Nru. 17.)

Mill-proċess ta' riflessjoni u konsultazzjoni jidher ċar li ż-żgħażagħ impenjati jaqblu li mhux biss jeżisti l-faqar, iżda dan huwa ħafna drabi frott ta' azzjonijiet diretti u indiretti tas-soċjetà: frott deċiżjonijiet personali u/jew kollettivi żbaljati, pressjoni soċjali u anki mudelli ta' għajxien ippreżentati mill-mezzi ta' komunikazzjoni kemm lokali u barranin. Iż-żgħażagħ innutaw korrelazzjoni qawwija bejn il-faqar u l-esklużjoni soċjali, li ħafna drabi twassal għal ċirku vizzjuż li l-vittmi tiegħu diffiċli joħorġu minnu.

Iż-żgħażagħ staqsew dwar ir-raġunijiet għaliex għandna nqumu kontra l-faqar, dwar ir-responsabbiltajiet differenti biex nikkumbattu l-faqar, kif ukoll dwar l-ispazju li għandu jkollna bħala żgħażagħ Maltin fil-ħidma kontra l-faqar.

## A. IL-PUNTI EWLENIN MIR-RIFLESSJONIJIET U D-DISKUSSJONIJIET TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

## A1. X'NIFHMU B'FAQAR?

Tista' tgħid li ż-żgħażagħ qablu b'mod unanimu li l-faqar hu stat ta' ħajja fejn persuna jew grupp ta' persuni jkunu neqsin minn ħtiġiet bażiċi. Dawn jinkludu ħtiġiet materjali, bħal saqaf u/jew dar, ikel sustanzjuż, ilbies, u ħafna aktar. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, il-persuna ma tkunx tista' tgħix bid-dinjità li jistħoqqilha, ma tkunx tista' tiżviluppa lilha nnifisha, la materjalment, la moralment u lanqas spiritwalment, u għalhekk tispiċċa biss biex teżisti.

### A1.1 Mhux biss Faqar Materjali

Iż-żgħażagħ mid-diversi gruppi qablu li f'Malta jeżistu ħafna forom differenti ta' faqar. Fost l-oħrajn issemma wkoll il-faqar li "sfortunatament qiegħed jikber", fil-forma ta' vojt ġewwieni jew solitudni. Fost id-diversi forom ta' faqar li jidentifikaw iż-żgħażagħ, kien hemm:

- **Faqar Materjali** – nuqqas ta' flus jew ta' bżonnijiet materjali oħrajn, bħan-nuqqas ta' ikel, kura medika, dar fejn tgħix, edukazzjoni u xogħol;
- **Faqar Morali** – nuqqas ta' rispett mill-persuna lejha nnifisha u lejn is-soċjetá b'mod ġenerali; nuqqas ta' għarfien ta' valuri bażiċi, bħall-onestà u l-integrità;
- **Faqar Spiritwali** – nuqqas ta' esperjenza spiritwali. Din tinkludi l-esperjenza ta' vojt ġewwieni jew interjuri. Hija wkoll l-esperjenza ta' persuna li tkun bla futur f'ħajjitha, li qatt ma tista' tkun persuna sħiħa (*fulfilled*) għax ma tafx kif tista' tkun sħiħa (*fulfilled*), għax qatt ma kienet esposta għal xi forma ta' formazzjoni, li tnissel fiha aspirazzjoni għal ħajja aħjar;
- **Faqar Emozzjonali** – nuqqas tal-kapaċità li persuna tħobb u li tibni rabtiet ta' mħabba ma' dawk ta' madwarha;

- **Faqar Soċjali** – in-nuqqas ta’ appoġġ mill-familja jew minn dawk ta’ madwar il-persuna. Tista’ tinkludi s-solitudni, in-nuqqas ta’ attenzjoni mingħand persuni oħra, jew li persuna hi waħidha għax bla ħbieb;
- **Faqar Intellettwali** – nuqqas ta’ abbiltà li persuna tagħmel deċiżjonijiet għaqlin u tistabbilixxi l-prijoritajiet f’ħajjitha; li l-kejl tagħha biex tistabbilixxi prijoritajiet huwa żbaljat għax dan l-istess kejl ma jwassalhiex biex tgħix bid-dinjità li jistħoqqilha u skont l-aspirazzjonijiet li hija stess għandha. Biex nagħtu eżempju: tippreferi tilgħab il-lotterija jew tixtri x’tilbes milli tixtri l-ikel għal uliedha.
- **Faqar Legali** – iċ-ċaħda mid-drittijiet bażiċi.

Flimkien, dawn id-diversi forom ta' faqar jiddeterminaw jekk persuna jew grupp ta’ persuni humiex fqar jew le, u għalhekk jiddefinixxu l-kunċett ta’ faqar. Ħafna drabi, tip ta’ faqar iwassal għal ieħor (nistgħu nsejħulu ċiklu ta’ faqar) u b’hekk il-qagħda tal-persuna tiggrava ruħha; hekk, pereżempju, familja diġà fqira tkompli sejra għall-agħar, konsegwenza tal-problema tal-logħob tal-ażżard u s-self ta’ flus fuq l-idejn biex tagħmel tajjeb għal dan it-telf. Il-faqar jista’ jkun kemm temporanju kif ukoll għal żmien twil, jekk mhux kontinwu.

### A1.2 Individwaliżmu u Relattività

F'għarfien li hemm diversi aspettativi li persuna jista’ jkollha fil-ħajja, aspettativi għal-livelli ta’ għixien (tip ta' lbies, kumditajiet mixtieqa, forom ta' ħruġ u divertiment, eċċ...), aspettattivi dwar ħbiberiji u relazzjonijiet, iż-żgħażagħ fissru li l-kejl tal-faqar ħafna drabi jsir b’mod individwali hekk kif ilkoll għandna tifsira differenti ta’ dak li hu għixien dinjituż. Ovvjament din id-definizzjoni hija influwenzata mill-mod kif is-soċjetà tiddefinixxi l-livelli aċċettabbli ta' għixien. Hemm imbagħad ħtiġiet bażiċi li kulħadd għandu, u oħrajn imposti fuqhom mid-dinja tal-kummerċ, minn influwenzi u pressjonijiet soċjali u minn prijoritajiet żbaljati.

F'dan is-sens, id-definizzjoni ta' faqar hi relattiva, għax dak li hu faqar għal persuna mhux bilfors huwa faqar għal ħaddieħor. Grupp ta' żgħażagħ semma eżempju ta' dan: persuna tista’ tgħix ħajja komda b’€50 fil-ġimgħa, u għalhekk mhux fqira, mentri persuna oħra tista’ tgħix inqas komda b’€100 fil-

ġimgħa, u għalhekk tħoss li hi fqira. Persuna tista’ tqis li qiegħda tgħix ħajja komda wara għażla li tagħmel, mingħajr ma tħoss il-bżonn li tbiddel xejn minn ħajjitha, u dan minkejja li tkun qiegħda tgħix f’dak li, persuna oħra, bil-kejl tagħha, tqisu bħala faqar.

Iż-żgħażagħ sostnew li, minħabba l-element individwalista u relattiv, x’aktarx li bħala individwi aħna mitlufin wisq fuq il-bżonnijiet tagħna biex nindunaw bil-faqar ta’ ħaddieħor; aktarx naħsbu li, għax ħadd mill-familja tagħna u/jew minn sħabna u/jew il-ġirien tagħna mhu qiegħed isofri minn faqar materjali, allura dan ma jeżistix... għax aljenati wisq biex nindunaw! Barra min hekk, aktarx, ħafna jinjoraw forom oħrajn ta’ faqar.

## A2. X'JIKKAWŻA L-FAQAR?

### A2.1 Pressjonijiet tas-Soċjetà

Iż-żgħażagħ iħossu li tinħoloq influwenza fuq kull membru tas-soċjetà biex dan iġib ruħu b’ċertu mod, jikkonsma ċerti prodotti, u jfassal ħajtu fuq ċerti prijoritajiet. Hi s-soċjetà li tiddefinixxi kif persuna għandha tgħix b’mod dinjituż u għalhekk toħloq il-kejl ta’ faqar. Għalhekk, hi s-soċjetà li tittimbra persuna jekk hix fqira jew le. Hi s-soċjetà wkoll li tinfluwenza lil persuni li qegħdin jgħixu fi ħdan dik is-soċjetá biex iħossuhom fqar jew le, jew kif iridu jgħixu biex ma jidhrux fqar jew ma jħossuhomx fqar. Din l-influwenza tinħoloq permezz tal-*peer pressure*, tal-*media* (reklamar, u anki mudelli ta' għixien li jidhru fuq sensiliet televiżivi) u mill-bżonn tagħna li nikkonformaw mal-kumplament tas-soċjetà.

Iż-żgħażagħ innutaw li, minħabba dawn il-pressjonijiet, ħafna persuni jħossu l-bżonn li, biex jikkonformaw ma' dak li tistenna minnhom is-soċjetà, jixtru affarijiet superfluwi minflok essenzjali, jieħdu self mill-banek li ma jkunux jifilħu għalih, jew jimmaniġġjaw flushom ħażin.

Għalkemm iħossu li l-pressjonijiet tas-soċjetà għandhom influwenza qawwija fuq il-livell ta’ għixien li dak li jkun jaspira għalih, ma nistgħux ninjoraw li bosta drabi l-mard u problemi psikoloġiċi għandhom rabta

qawwija mal-faqar, liema sitwazzjoni taffettwa l-individwu u l-familja sħiħa. B’mod partikulari jissemmew il-vizzji, fosthom il-logħob ta’ l-ażżard.

## A2.2 Azzjonijiet tas-Soċjeta’

Iż-żgħażagħ qablu li ħafna drabi l-faqar huwa l-kawża, b'mod dirett u indirett, tal-azzjonijiet tas-soċjetà, speċjalment meta din tinjora l-effett tal-azzjonijiet tagħha fuq l-individwi u d-dipendenti. Gruppi differenti ta' żgħażagħ identifikaw diversi tipi ta' azzjonijiet li, b'mod dirett jew indirett, iwasslu biex persuni oħrajn ma jkunux jistgħu jgħixu b'mod dinjituż, fosthom:

- il-kilba għall-flus tista' twassal għal prezzijiet għoljin ħafna, anki ta' kumditajiet bażiċi, bil-konsegwenza li mhux kulħadd ikun jiflaħ jixtrihom; jew inkella, biex jakkwista l-ħtiġiet bażiċi, ma jkunx jista' jixtri oġġetti oħrajn li jgħinu biex il-persuna tavvanza ’l quddiem;
- l-evażjoni tat-taxxa u s-serq ta' elettriku u ilma, iwasslu għal taxxi u tariffi ogħla għal ħaddieħor;
- il-konsum esaġerat li, bħala konsegwenza, jikkawża t-tniġġis.

## A2.3 L-Esklużjoni Soċjali

L-eskulżjoni soċjali hija bla dubju r-raġuni għaliex l-esperjenza tal-faqar tista’ tkun waħda nviżibbli. Il-faqar iwassal għal stigma li twassal għall-emarġinazzjoni. Bl-istess mod, l-emarġinazzjoni twassal ukoll għal nuqqas ta’ opportunitajiet. Nieħdu mill-eżempji ta’ tfal b’nuqqas ta’ opportunitajiet li jgħinu għall-iżvilupp edukattiv tagħhom, l-esperjenzi negattivi ta’ persuni li kienu l-ħabs, dawk maħkumin mill-vizzju tad-droga. Fl-argumenti li ppreżentaw iż-żgħażagħ, issemmiet l-aljenazzjoni tas-soċjetà għal sitwazzjonijiet ta’ faqar. Is-soċjetà tqis il-faqar bħala realtà ’l bogħod minnha, u dan sforz din l-inviżibbilità u l-emarġinazzjoni mill-istess soċjetà. Iż-żgħażagħ għandhom ikunu dawk li jixprunaw valuri favur l-inklużjoni soċjali, billi jqajmu kuxjenza dwar dawn is-sitwazzjonijiet inġusti.

## B. KIF GĦANDNA NWIEĠBU GĦALL-FAQAR?

Iż-żgħażagħ saħqu li t-tweġiba għall-faqar għandha tkun waħda *multi-approach*, li tinkludi l-ħidma id f'id bejn Gvern, Knisja, għaqdiet mhumiex governattivi, is-soċjetà ċivili u s-soċjetà kollha kemm hi. Il-Gvern, il-Knisja u Istituzzjonijiet oħrajn għandhom rwoli x'jaqdu skont il-kompetenzi partikolari tagħhom. Fl-istess ħin, kull persuna, b'mod partikolari ż-żgħażagħ infushom, għandhom 'iqumu' kontra l-faqar waqt li jgħinu lil dawk li qegħdin ibatu minn kull forma ta' faqar.

## B1. IR-RWOL TAL-ISTAT U ORGANI POLITIĊI

Iż-żgħażagħ qablu li rwol importanti biex nikkumbattu l-faqar huwa dak tal-Istat u ta' organi politiċi oħrajn, fosthom korpi internazzjonali, bħall-Unjoni Ewropea u l-Ġnus Magħquda. Il-*policies* imnedija minn dawn u l-qafas leġislattiv li huma jfasslu u jimplimentaw, jistgħu jwasslu jew biex persuni jispiċċaw emarġinati u/jew biex persuni joħorġu minn sitwazzjonijiet ta' faqar li jinsabu fihom.

### B1.1 Ġustizzja u Rispett Lejn il-Bniedem Sħiħ

B'mod kważi unanimu, iż-żgħażagħ qablu li kull *policy* għandha:

- tagħti kas lill-bniedem sħiħ, u l-bżonnijiet materjali, mentali, soċjali, familjari, spiritwali, u l-bqija, tiegħu;
- tpoġġi l-bżonnijiet tal-bniedem sħiħ u d-dinjità tiegħu fl-ewwel post;
- tiżgura li ma jkunx hemm abbużi u tiggarantixxi ġustizzja lil kull persuna, irrrispettivament minn min hi u l-passat tagħha.

Iż-żgħażagħ ħassew il-bżonn li, kwalunkwe ħidma jew opportunità offruta, tingħata b'mod ugwali għal kulħadd, b'mod partikolari fl-edukazzjoni, saħħa, xogħol, aċċess għal bżonnijiet bażiċi, bħal ikel, dar, prezzijiet ġusti. Għalhekk, l-Istat għandu jiżgura li l-liġijiet u l- *policies* tiegħu ma jiddiskriminawx bejn persuna u oħra, u ma jikkawżawx faqar b'mod indirett.

## B1.2 Familja

Iż-żgħażagħ qablu li l-Istat għandu jagħti kas tal-familja. Il-familja hi istituzzjoni importanti li tgħin sabiex persuna tevita li taqa' fil-faqar. Huwa importanti li l-familja jkollha ħin biżżejjed flimkien, kemm il-mara u r-raġel bejniethom u anki ma' wliedhom. Ħeġġew politika li tiżgura li l-familja jkollha dħul adegwat biex tkun tista' tlaħħaq mal-bżonnijiet tal-ħajja, mingħajr il-bżonn ta' *overtime* eżaġerat, ħinijiet twal ta' xogħol, bżonn ta' *part-time jobs* u miżuri oħrajn li ma jħallux ħin sabiex il-familja tissaħħaħ u titgawda.

## B1.3 Politika Ekonomika

Rwol importanti tal-Istat li jinfluwenza l-ħajja taċ-ċittadini huwa l-mod kif dawn imexxu l-ekonomija tal-pajjiż, ir-relazzjoni u l-ftehim bejn in-Nazzjonijiet fuq livell internazzjonali, u t-tifsila tal-attività ekonomika fuq livell globali. Iż-żgħażagħ saħqu li l-gvern għandu jiżgura sistemi ta' kummerċ ġust, fejn il-ħaddiem jitħallas skont dak li jkun ħaqqu u mhux li jkun sfruttat. Waqt li nnutaw li kumpaniji magħrufin globalment spiss jimmanifatturaw prodotti tagħhom bl-irħis f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u anki permezz ta' tfal taħt l-età, iż-żgħażagħ ħeġġew id-dħul ta' regolamenti li jimponu kummerċ ġust u kontrolli li jiżguraw li individwi u kumpaniji minn pajjiżi fqar ma jintrifsux minn pajjiżi sinjuri u kumpaniji oħrajn kbar ta' statura internazzjonali. Issuġġerew ukoll li għandhom isiru arranġamenti speċjali mal-pajjiżi inqas żviluppati, biex dawn jingħataw l-opportunità li jikkompetu b'mod ekwu mal-pajjiżi l-oħrajn.

Anki fuq livell lokali, f'Malta, l-Istat għandu jiżgura prezzijiet realistiċi, li ma jkomplux inaqqru mill-pagi baxxi ta' ċerti faxex tas-soċjetà, u jaggarantixxu suq ħieles mill-abbużi, kif ukoll ikunu evitati, b'kull mod, sistemi fejn min hu setgħan jistagħna a skapitu ta' dawk dgħajfin.

## B1.4 Edukazzjoni

In-nuqqas ta' tagħlim u edukazzjoni huma kkunsidrati l-qofol tal-problema f'diversi riflessjonijiet li saru miż-żgħażagħ fl-għaqdiet. Huma għarfu li l-edukazzjoni hi għodda neċessarja għall-binja soċjali b'saħħitha, u biex iż-żgħażagħ kollha bla distinzjoni jkollhom il-mezzi u l-opportunitajiet għal impjieg u gwadann dinjituż.

Jinħass ukoll il-bżonn li tkun imqajma kuxjenza dwar il-konsum u l-prijoritajiet tal-konsumatur. Dan jista' jsir permezz tal-istess *media* u programmi edukattivi li jolqtu lill-familja kollha fl-istituzzjonijiet differenti fil-komunità.

L-edukazzjoni hija wkoll għodda importanti biex niġġieldu l-faqar fuq livell internazzjonali. Informazzjoni u edukazzjoni dwar abbużi li jsiru f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jistgħu jgħinu biex il-konsumaturi f'pajjiżi żviluppati, fosthom f'Malta, jixtru b'mod iżjed għaqli u hekk iħeġġu iktar kummerċ ġust.

L-edukazzjoni, saħqu ż-żgħażagħ, trid tkun ukoll waħda li tindirizza l-bżonnijiet differenti tal-bniedem, u ma tagħtix biss importanza li persuna tkun sodisfatta li jkollha mpjieg tajjeb jew karriera li toffri sigurtà, biex, fi kliemhom: "tkompli tipproduċi magni ekonomiċi", iżda tgħinhom jiżviluppaw ħiliet intelletwali, emozzjonali, spiritwali, eċċ... ta' kull persuna. Ukoll, għandha tfittex li, waqt li tgħallem dwar id-drittijiet, tispjega wkoll id-dmirijiet li kull persuna għandha lejha nnifisha u lejn l-oħrajn.

## B1.5 Media

Fl-għarfien tar-rwol tal-*media* li tinfluwenza bil-qawwi l-mod kif is-soċjetà tiddefinixxi l-livelli ta' faqar u x'inhu bżonnjuż li jsir, iż-żgħażagħ jissuġġerixxu li l-gvern joħloq parametri jew linji-gwida dwar ideat, reklami u mudelli ta' ħajja li għandhom ikunu nkuraġġiti, kemm fuq stazzjonijiet televiżivi kif ukoll fil-*media* ġenerali. Dan jgħodd l-iktar għall-istazzjon televiżiv tal-Istat.

## B1.6 Għajnuna Soċjali u Abbużi

Iż-żgħażagħ qalu li l-Istat, u anki l-Unjoni Ewropea, għandhom iżidu r-riżorsi użati għal dawk li huma fil-bżonn, jagħtu iktar għajnuna materjali, u jsaħħu l-aġenziji li jaħdmu ma' persuni fil-bżonn.

Fl-għarfien li l-benefiċċji soċjali jistgħu jgħinu, kif għamlu biex jittaffa l-faqar, iżda maż-żmien inħolqu l-abbużi fosthom: "inħolqot mentalità ta' passività u għażż fost min jirċievi l-benefiċċji". Għalhekk iż-żgħażagħ saħqu dwar il-bżonn ta' kontrolli biex, filwaqt li l-għajnuna tingħata lil minn tassew għandu verament bżonnha, tinċentiva lill-persuna biex kemm jista' jkun tagħmel l-almu tagħha biex tqum fuq saqajha. F'dan is-sens, iż-żgħażagħ ipproponew numru ta' miżuri konkreti, fosthom:

- l-għoti ta' għajnuna f'oġġetti (bħal nappies, ikel, ħwejjeġ, eċċ...), u mhux għajnuna finanzjarja diretta;
- spezzjonijiet dwar il-kundizzjoni vera u l-istil ta' ħajja ta' persuni li jeħtieġu għajnuna.

Iż-żgħażagħ saħqu li, dik li dari kienet għodda utli sabiex tgħin persuni fil-bżonn, mhux bilfors għadha tgħodd għal-lum; u għalhekk l-Istat għandu kontinwament jevalwa kemm il-miżuri li jittieħdu jkollhom effett, kif jistgħu jitjiebu jew kif nistgħu nissostitwixxuhom b'miżuri li jiżguraw li s-soċjetà ssir aktar ġusta u effettiva biex tingħeleb il-pjaga tal-faqar.

## B1.7 Għaqdiet Mhux Governattivi

Iż-żgħażagħ faħħru s-sehem tal-għaqdiet mhumiex governattivi (NGOs), fosthom dawk fi ħdan il-Knisja, u spjegaw li s-sehem aktar attiv ta' dawn l-għaqdiet jitlob li jkun hemm aktar investiment f'riżorsi, kemm umani kif ukoll finanzjarji, sabiex anke s-servizz ipprovdut minn dawn l-għaqdiet ikun wieħed li jagħti d-dinjità lil min qiegħed juża s-servizzi. F'dan is-sens, appellaw lill-Istat biex jikkomunika iżjed ma' dawn l-għaqdiet u jgħinhom biex ikollhom biżżejjed riżorsi ħalli jkunu jistgħu iwettqu l-ħidma tagħhom. B'mod speċjali, għandu jkun hemm iżjed inkuraġġiment liż-żgħażagħ u

persuni oħrajn interessati, biex jimpenjaw ruħhom fil-ġlieda kontra l-faqar u jieħdu sehem f'inizjattivi ta' volontarjat.

## B2. L-IRWOL TAL-KNISJA

Iż-żgħażagħ qablu bejniethom li l-Knisja qiegħda tagħmel ħafna biex ittaffi l-faqar; u dan jixduh il-bosta inizjattivi f'Malta u fil-bqija tad-dinja; ħidmiet, bħad-diversi djar tat-tfal, djar tal-anzjani u djar għal persuni b'diżabbiltà; il-ħidma aktarx siekta li ssir fid-diversi parroċċi, mill-kappillani, saċerdoti, gruppi parrokkjali u għaqdiet. Fl-istess ħin, huma saħqu li għad baqa' ħafna xi jsir, u li, jekk ikun rikonoxxut ir-rwol ta' dawn il-persuni tant importanti fis-soċjetà tagħna u jsir użu aktar għaqli minnhom, billi jingħataw l-għajnuna neċessarja anki f'dawk li huma riżorsi umani, allura żgur li jintlaħqu ħafna aktar nies fil-lokalità tagħhom, u l-ġlieda kontra l-faqar issir aktar effettiva. Użu aktar għaqli minn dawn ir-riżorsi jista' wkoll jgħin biex tinħoloq sinerġija, u b'hekk l-għajnuna li tingħata tkun mifruxa b'mod aktar ġust.

### B2.1 Valuri Nsara

Iż-żagħżagħ saħqu li, kwalunkwe ħidma mill-Knisja, m'għandhiex tieqaf fil-ġlieda kontra l-faqar fih innifsu, iżda għandha tkun ankrata fil-valuri Nsara tal-Imħabba u x-xandir tal-messaġġ Evanġeliku. Il-ħidma tal-Knisja, f'kull livell, anki bħala istituzzjoni u f'entitajiet fi ħdanha, għandha tkun ispirata mill-imħabba Nisranija. Ma tistax tkun sempliċiment l-għoti ta' għajnuna materjali jew ta' servizz; iżda n-Nisrani hu msejjaħ biex jara lil Kristu f'dawk kollha li jkun qiegħed jaħdem magħhom. Dan għandu jkun l-ideal li l-Knisja timmira għalih f'kull ħidma tagħha, b'mod speċjali ma' dawk f'qagħda vulnerabbli, bħal nies foqra. Fuq kollox, f'dak kollu li tagħmel, il-Knisja għandha jkollha l-viżjoni tal-bniedem sħiħ.

### B2.2 Inklussività

Kien hemm enfasi li l-Knisja għandha tiżgura li tinkludi lil kulħadd taħt is-saqaf tagħha u ma teskludi 'l ħadd. Fl-istess ħin, il-Knisja għandha tibqa' timxi fuq l-eżempju ta' Kristu u tagħti preferenza lill-fqar.

## B2.3 Vuċi lil Min m'Għandux Vuċi

Il-Knisja għandha taħdem biex ikun hawn iżjed għarfien tal-faqar madwarna; u dan jgħodd għal kull forma ta' faqar, mhux biss dak materjali. Tagħmel dan, permezz tal-edukazzjoni, tal-użu tal-media u kull forma oħra ta' xandir tal-kelma. Diversi żgħażagħ qablu li hemm bżonn li l-knisja tagħmel iktar enfasi fuq it-tema tal-faqar "għax ma nħossux li hawn awareness biżżejjed".

Fost l-oħrajn, issemma li l-Knisja għandha tiġġieled il-faqar, billi tagħmel pressjoni mal-awtoritajiet dwar il-kawżi tal-faqar, u tkun hi stess vuċi ta' min hu inqas ixxurtjat, batut jew vittma ta' inġustizzji. Il-Knisja għandha ssemma leħenha mingħajr biża' u f'kull okkażjoni.

## B2.4 Għajnuna lil Min hu Fqir

Fl-istess ħin, il-Knsija għandha tkompli tgħallem, bil-kliem, permezz tal-media, u bl-eżempju, kif in-Nisrani għandu jġib ruħu quddiem il-faqar, u r-responsabbiltà tan-Nisrani li jimpenja ruħu biex itaffi l-faqar, billi jgħin lil min hu fqir. Ukoll, bħala istituzzjoni, għandha toffri l-għajnuna tagħha lil min ikun għaddej minn sitwazzjonijiet diffiċli ta' faqar; il-Knisja ma tistax u mhix (speċjalment permezz tal-Caritas u tas-sezzjoni Djakonija ) tippriedka biss. B'mod partikolari, issemmiet l-importanza tal-edukazzjoni lil min hu fqir, biex dan jingħata l-għodda ħalli jkun jista' joħroġ mill-faqar tiegħu - 'Give a man a fish and you'll feed him for a day, teach him how to fish and you'll feed him for a life time'.

Iż-żgħażagħ ressqu numru ta' suġġerimenti prattiċi dwar kif tista' tisseddaq il-ħidma tal-Knisja kontra l-faqar. Issemmiet l-importanza li, il-Knisja u l-għaqdiet fi ħdanha, jaħdmu id f'id biex l-impenn kontra l-faqar ikun iktar qawwi. Kien issuġġerit li ssir evalwazzjoni tax-xogħol li qiegħed isir minn missjunarji (kemm reliġjużi kif ukoll lajċi), biex ikun hemm iktar għarfien u tiġdid fil-mod kif issir il-ħidma, kif ukoll li jkun hemm użu iżjed għaqli tar-riżorsi disponibbli. Saret enfasi fuq il-bżonn ta' taħriġ kontinwu lil dawk impenjati fil-ħidma (saċerdoti, reliġjużi u lajċi impenjati, inklużi dawk dawk impjegati ma' istituzzjonijiet tal-Knisja), sabiex ikunu 'vuċi' kontra l-faqar u

biex il-messaġġ li jwasslu jkun jirrifletti t-tibdil taż-żminijiet u għalhekk jibqa' rilevanti.

Kien hemm proposta oħra għal forma oħra ta' għajnuna: dik fejn, persuna jew familja, jew għaqda, tadotta persuni fil-bżonn fil-parroċċa – jistgħu ikunu familji fqar, anzjani waħidhom, persuni b'diżabbiltà, refuġjati, eċċ... – u jakkumpanjawhom/jgħinuhom fil-ħtiġiet tagħhom. "Nemmnu li l-idea ta' akkumpanjament fi spirtu Nisrani hija forma ta' ħidma essenzjali biex jingħeleb il-faqar ta' żmienna f'soċjetajiet żviluppati bħal Malta; għax huwa biss permezz ta' din il-forma ta' akkumpanjament (anki jekk għal perijodu qasir u transitorju) li persuna tista' dduq tassew dik li hi l-imħabba Nisranija".

### B2.5 *Empowerment* taż-Żgħażagħ

Għaldaqstant, kien ippreżentat l-argument li l-Knisja għandha tgħin liż-żgħażagħ billi tagħtihom opportunitajiet u għodod meħtieġa biex ma jibqgħux passivi, imma jkunu l-vuċi soċjali u l-preżenza soċjali. Dan għax iż-żgħażagħ jemmnu li l-Knisja mhix biss is-saċerdoti u l-Kurja, imma l-lajċi b'mod sħiħ, flimkien mal-membri l-oħrajn tal-Knisja.

### B2.6 Ir-Rwol taż-Żgħażagħ

Iż-żgħażagħ stqarrew li huma stess għandhom rwol importanti fil-ġlieda kontra l-faqar. Għandhom ikunu għajnejhom miftuħin biex jindunaw bil-faqar madwarhom, ikunu preżenti u lesti biex ixammru jdejhom u jgħinu lil min hu bil-bżonn. Quddiem ir-realtajiet diffiċli tal-faqar madawrhom, iż-żgħażagħ għandhom iwasslu l-ottimiżmu li hu naturali fihom. Fuq kollox, bl-ideali u l-enerġija tagħhom, għandhom ukoll jimpenjaw ruħhom, u ma jiddejqux isemmgħu l-ideali tagħhom dwar dak li jemmnu fih, juru r-realtà tal-faqar madwarna lill-bqija tas-soċjetà u jkunu strumenti ta' bidla, anki fl-għoti ta' ideat u tfassil ta' *policies* biex il-faqar jitnaqqas.

Iż-żgħażagħ qablu li għandhom ikunu nkuraġġuti li jimpenajw irwieħhom dwar ir-realtà tal-faqar, b'mod partikolari permezz ta' esperjenzi ta' volontarjat, f'Malta u barra minn Malta. Dawn l-esperjenzi jgħinu liż-

żagħżagħ ikunu iktar konxji mid-dinja ta' madwarhom u jniggżuhom biex ma jiddejqux jitkellmu dwar il-faqar u jieħdu azzjoni. Il-ħeġġa għall-ħidma kontra l-faqar għandha ssir prijorità f'ħajjithom.

Iż-żgħażagħ qablu li, bil-ftit ta' kull wieħed u waħda minnhom, jista' jseħħ ħafna ġid. Dan l-impenn jista' jitwettaq fil-ħajja ta' kuljum fl-ambjenti ta' madwarhom: "minn dak ta' ħdejna, xi familja ġara tagħna, jew tifel b'diżabbiltà li tista' tiddedikalu ftit sigħat fil-ġimgħa".

**PARTEĊIPAZZJONI**

Iż-żagħżagħ li pparteċipaw f'dan l-eżerċizzju, huma ġejjin minn dawn l-għaqdiet:

*Balzan Youth Centre*
*Caritas*
*Chaplaincy* – Università ta' Malta
*Inygo – Network* Injazjan taż-Żgħażagħ
KKG - Koperattiva Kummerc Ġust.
Kummissjoni Djakonija, Ħal Balzan
Kummissjoni Parrokkjali Żgħażagħ (KPAŻ), Iż-Żejtun
Kummissjoni Parrokkjali Żgħażagħ (KPAŻ), Iż-Żurrieq
Leġjun ta' Marija (Y-LOM),
L.I.F.E., Il-Qawra
*Link* – Ħal Qormi
*Luqa Youth Centre*
*Malta Girl Guides (MGG)*
Moviment Kattoliċi Studenti Universitarji (MKSU)
*NAVITAS* – In-Naxxar
Parroċċa Santa Marija, B'Kara
*Pastoral and Liturgy Youth Group (PLYG)* – Ħal Qormi
*Salesian Pastoral Youth Service (SPYS)*
SKOP
*StoPoverty*
*Saint Jeanne Antide Foundation*
*The Writers' Club* (Università ta' Malta)
*Youth Fellowship – Living Waters*
*Youth Reach* – Żgħażagħ, Parroċċa Ħ'Attard
*Żejtun Youth Mass* (ŻYM)
Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK)
Żgħażagħ Ħaddiema Nsara (ŻĦN)

Ipparteċipaw f'dan il-forum żgħażagħ minn dawn l-għaqdiet, flimkien ma' żgħażagħ minn għaqdiet oħrajn fi ħdan il-parroċċi u l-Arċidjoċesi f'Malta.

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

Education and Culture DG

‘Youth in Action’ Programme

Youth

Dan il-proġett ġie finanzjat bl-għajnuna tal-Kummissjoni Ewropea.

Dan il-komunikat jirrifletti l-opinjonijiet ta’ l-awtur biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kull tip ta’ użu li jista’ jsir mill-informazzjoni li tinsab fih.